MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 922/2009

**26th Frame Limited (C-36306)**
**vs**
**Phonic Limited (C35863) u Sarah Ann Gatt (K.I. 463780M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas elfejn, mija u sebgha u tmenin ewro u tlieta u tmenin ewro centezmu (€2,187.83) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi lill-konvenuti jew min minnhom mis-socjeta' attrici.

Il-konvenuti minkejja nterpellati diversi drabi baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali numru 5063/09 u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-13 ta' Jannar, 2010, mill-Avukat Nadia Vella u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuti naqsu li jkkontestaw l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------